Stqarrija għall-Media – Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara ESF 3.47

**Ħmistax-il organizzazzjoni oħra jingħataw il-Marka tal-Ugwaljanza**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) iċċertifikat 15-il organizzazzjoni oħra bil-Marka tal-Ugwaljanza waqt ċerimonja ppreseduta mill-Ministru għall-Ġustizzja, Djalogu u Familja, Dr Chris Said. L-organizzazzjonijiet iċċertifikati huma: AdPro-Instruments Ltd, Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd, BOV (Bank of Valletta), Deloitte, Directorate for Pharmaceutical Policy and Monitoring, Foundation for Medical Services, Lotteries and Gaming Authority (LGA), Mater Dei Hospital, Megabyte Ltd, Misco Consulting Ltd, Misco International Ltd, Nexia BT, Partit Laburista, POYC (Pharmacy of Your Choice) u ST Microelectronics (Malta) Ltd.

Dawn l-organizzjonijiet kienu ċċertifikati bħala entitajiet li tassew joffru opportunitjiet indaqs u li ma jiddiskriminawx abbażi tas-sess u għalhekk huma awtorizzati li jużaw il-*logo* tal-Marka tal-Ugwalajzna fil-pubblikazzjonijiet u d-dokumentazzjoni tagħhom. Din iċ-ċertifikazzjoni flimkien mal-*logo* huma validi għal sentejn mid-data ta' meta jingħataw. In-numru ta' organizzazzjonijiet li s'issa ngħataw il-Marka tal-Ugwaljanza tela' għal 32, li jirrappreżentaw aktar minn 13,000 ħaddiem li jaħdmu taħt kundizzjonijiet ta' opportunitajiet indaqs abbażi ta' sess.

Matul konferenza ta' ġurnata, l-NCPE nediet riċerka li tifforma parti minn dan l-istess proġett ;Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara' ko-finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew. Din hi riżultat ta' sentejn riċerka li matulha kienu intervistati 6,300 persuna u li tifforma l-bażi ta' dan l-istudju li fost l-oħrajn kienu mistħarrġa d-differenzi lokali bejn il-bżonnijiet tal-intraprendituri nisa u rġiel; id-diffikultajiet ta' ħaddiema temporanji u każwali li l-impjieg tagħhom hu meqjus vulnerabbli; u l-perċezzjonijiet ta' ħaddiema nisa f'dak li għandu x'jaqsam mal-*glass ceiling* u l-*glass cliff*. L-istudju identifika wkoll kif in-nisa Maltin iħarsu lejn l-indipendenza finanzjarja, l-effetti tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali fuq id-deċiżjoni li jittieħed impjieg, il-ħiliet disponibbli fis-settur ta' dawk li m'humiex attivi fis-suq tax-xogħol u f'liema rwoli jaraw lilhom infushom dawk in-nisa li m'humiex jikkontribuxxi fis-suq tax-xogħol. Sar ukoll studju intensiv tal-popolazzjoni femminili Għawdxija dwar kif huma jħarsu lejn ix-xogħol u kif is-soċjetà Għawdxija tħares lejn in-nisa li jaħdmu.

Matul il-konferenza kienu diskussi fil-fond ir-rakkomandazzjonijiet li saru bħala parti minn dan ir-rapport.

Għal aktar tagħrif dwar il-Marka tal-Ugwaljanza u l-proċess tal-applikazzjoni għaliha, idħol www.equality.gov.mt jew agħmel kuntatt mal-NCPE b'email equality@gov.mt jew fuq 2590 3850.


Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Insaħħu Ħilitna għall-Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Avvis parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali

***Ninvestu fil-futur tiegħek***